# Anness 2 – Struzzjonijiet għar-rapportar li jkopri informazzjoni dwar skoperturi soġġetti għal miżuri applikati b'reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19

**PARTI I: STRUZZJONIJIET ĠENERALI**

1. Struttura u konvenzjonijiet

1.1. Struttura

1. Dan l-anness fih struzzjonijiet għall-mudelli li ġejjin tal-Anness 1 dwar self u avvanzi, għajr dawk ikklassifikati bħala "miżmuma għan-negozju", "negozjar" jew "miżmuma għall-bejgħ" f'konformità mal-qafas tal-kontabilità applikabbli:

   a. il-ħarsa ġenerali tal-moratorji (leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi) konformi mal-EBA, ta' miżuri oħra ta' trażżin relatati mal-COVID-19 u ta' self u avvanzi ta' oriġini ġdida soġġetti għal skemi ta' garanzija pubblika fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19 (F 90.01, F 90.02, F 90.03);

   b. informazzjoni dwar self u avvanzi soġġetti għall-moratorji (leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi) konformi mal-EBA u għal miżuri oħra ta' trażżin relatati mal-COVID-19 (F 91.01, F 91.02);

   c. self u avvanzi b'moratorji skaduti (leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi) konformi mal-EBA u b'miżuri oħra ta' trażżin skaduti relatati mal-COVID-19 (F 91.01, F 91.04);

   d. informazzjoni dwar self u avvanzi ta' oriġini ġdida soġġetti għal skemi ta' garanzija pubblika fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19 (F 91.05);

   e. miżuri applikati b'reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19: tqassim skont il-kodiċi tan-NACE (F 92.01);

   f. introjtu mill-imgħax u introjtu mill-imposti u mill-kummissjonijiet minn self u avvanzi soġġetti għal miżuri relatati mal-COVID-19 u informazzjoni prudenzjali dwar self u avvanzi soġġetti għal skemi ta' garanzija pubblika fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19 (F 93.01, F 93.02).

2. L-istruzzjonijiet għandhom jiġu applikati kemm mill-istituzzjonijiet li jużaw l-istandards nazzjonali tal-kontabilità (prinċipji nazzjonali tal-kontabilità ġeneralment

aċċettati (GAAP nazzjonali)) kif ukoll minn istituzzjonijiet li jużaw l-istandards internazzjonali ta' rapportar finanzjarju (IFRS) fir-rapporti finanzjarji pubbliċi tagħhom, sakemm ma jiġix provdut mod ieħor.

3. Il-punti ta' *data* identifikati fil-mudelli għandhom jitfasslu skont ir-regoli dwar ir-rikonoxximent, it-tpaċija u l-valutazzjoni tal-qafas ta' kontabilità rilevanti, kif definit fil-punt (77) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

1.2. Konvenzjonijiet

4. Għall-iskop tal-Anness 1, il-punt tad-*data* bil-griż ifisser li dan il-punt tad-*data* m'għandux jiġi rrapportat u "li minnu" jirreferi għal oġġett li huwa subgrupp ta' assi ta' livell ogħla jew ta' kategorija ta' obbligazzjoni.

1.3. Konvenzjoni dwar is-sinjali

5. Il-konvenzjoni dwar is-sinjali użata għall-Qafas tar-Rapportar Finanzjarju (FINREP) billi jiġu segwiti l-istruzzjonijiet definiti fil-Parti 1, it-Tabella 1 tal-Anness V għar-Regolament (UE) Nru 680/2014[1]. Għalhekk, l-indeboliment akkumulat u l-bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu għandhom jiġu rrapportati bħala ċifri negattivi.

1.4. Abbrevjazzjonijiet

6. Għall-finijiet ta' dan l-Anness japplikaw l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin:

(a) "CRR": ir-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(b) "IFRS": "standards internazzjonali ta' rapportar finanzjarju" kif definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002;

(c) "GAAP nazzjonali": prinċipji nazzjonali tal-kontabilità ġeneralment aċċettati żviluppati f'konformità mad-Direttiva 86/635/KEE

(d) "BAD": Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE[2];

(e) "Kodiċi NACE": kodiċi fir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3];

---

[1] Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rapportar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

[2] Id-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE tat-8 ta' Diċembru 1986 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn (ĠU L 372, 31.12.1986, p. 1)

[3] Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

(f) “Linji Gwida tal-EBA dwar il-moratorji”: Linji Gwida tal-EBA dwar moratorji leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi fuq il-ħlasijiet ta’ self applikati fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19[4];

(g) “ITS”: Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014[5].

[4] EBA/GL/2020/02.

[5] Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta’ April 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta’ implimentazzjoni fir-rigward tar-rapportar superviżorju ta’ istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

## PARTI II: STRUZZJONIJIET RELATATI MAL-MUDELLI

1. Ħarsa ġenerali lejn il-moratorji (leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi) konformi mal-EBA (F 90.01)

1.1. Kummenti ġenerali

7. Dan il-mudell ikopri moratorji (leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi) ta' self u avvanzi konformi mal-EBA li jissodisfaw ir-rekwiżiti deskritti fil-Paragrafu 10 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-moratorji.

8. Il-mudell għandu jipprovdi informazzjoni dwar l-għadd ta' obbliganti u l-ammont riportat gross ta' self u avvanzi soġġetti għal status differenti ta' moratorji konformi mal-EBA (mitluba/mogħtija). B'żieda ma' dan, il-mudell fih tqassim skont il-maturità residwa tal-moratorji konformi mal-EBA u informazzjoni dwar l-ammont riportat gross tal-moratorji leġiżlattivi skont id-definizzjoni tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-moratorji.

1.2. F 90.01: ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-MORATORJI (LEĠIŻLATTIVI U MHUX LEĠIŻLATTIVI) KONFORMI MAL-EBA

1.2.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

| Kolonni | Struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **Għadd ta' obbliganti**<br>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-għadd ta' talbiet ta' klijenti individwali riċevuti għall-moratorji konformi mal-EBA irrispettivament minn jekk dawn tal-aħħar kinux diġà ġew implimentati jew le.<br>L-istituzzjonijiet għandhom jgħoddu talbiet multipli minn klijent wieħed bħala talba waħda ta' klijent individwali.<br>Fejn l-għadd ta' talbiet tal-klijenti riċevuti għall-moratorji konformi mal-EBA ma jkunx magħruf, għandu jiġi rrapportat valur stmat. |
| 0020 | **Li minnhom: mogħtija**<br>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-għadd ta' obbliganti li t-talbiet tagħhom għall-moratorji konformi mal-EBA diġà ġew implimentati. |
| 0030 | **Ammont riportat gross**<br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-ammont riportat gross ta' self u avvanzi lill-obbliganti li talbu għall-moratorji konformi mal-EBA irrispettivament minn |

| | |
|---|---|
| | jekk dawn il-miżuri kinux diġà ġew implimentati jew le. Dan għandu jinkludi kemm moratorji skaduti konformi mal-EBA kif ukoll dawk attivi.<br><br>L-ammont riportat gross ta' skoperturi li huma soġġetti għall-moratorji leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi konformi mal-EBA għandu jiġi rrapportat darba biss bħala moratorji leġiżlattivi.<br><br>L-ammont riportat gross ta' skoperturi li huma soġġetti għall-moratorji konformi mal-EBA u miżuri oħra ta' trażżin relatati mal-COVID-19 għandu jiġi rrapportat darba biss bħala parti minn self soġġett għall-moratorji konformi mal-EBA f'dan il-mudell u mhux fil-mudell F 90.02 ukoll.<br><br>Fejn l-ammont riportat gross ta' self u avvanzi lill-obbliganti li għandhom id-dritt jitolbu għall-moratorji konformi mal-EBA ma jkunx magħruf, għandu jiġi rrapportat valur stmat. |
| 0040 | **<u>Li minnhom: mogħtija</u>**<br><br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS.<br><br>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-ammont riportat gross ta' self u avvanzi li għalihom diġà ġew implimentati l-moratorji konformi mal-EBA.<br><br>Din il-kolonna għandha tkun is-somma tal-kolonni 0060 sa 0120. |
| 0050 | **<u>Li minnhom: moratorji leġiżlattivi</u>**<br><br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS u l-Paragrafu 10 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-moratorji.<br><br>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-ammont kontabilistiku gross ta' self u avvanzi soġġetti għall-moratorji li huma bbażati fuq il-liġi nazzjonali applikabbli u jissodisfaw il-kriterji għal moratorji ġenerali fuq pagament speċifikati fil-paragrafu 10 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-moratorji.<br><br>L-iskoperturi li huma soġġetti għall-moratorji leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi konformi mal-EBA għandhom jiġu rrapportati darba biss bħala moratorji leġiżlattivi. |
| 0055 | **<u>Li minnhom: soġġetti għal moratorji estiżi</u>**<br><br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS.<br><br>L-ammont riportat gross ta' self u avvanzi li għalihom ġiet estiża l-miżura ta' moratorji konformi mal-EBA għandu jiġi inkluż f'din il-kolonna. |
| 0060 | **<u>Li minnhom: skaduti</u>**<br><br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS.<br><br>L-ammont riportat gross ta' self u avvanzi li għalihom il-moratorji konformi mal-EBA skadew fid-data ta' referenza (jiġifieri l-maturità residwa tal-moratorji hija ugwali għal żero) għandu jiġi rrapportat. |

| | |
|---|---|
| | Meta l-moratorji konformi mal-EBA jiskadu iżda l-iskopertura tkun għadha soġġetta għal miżuri oħra ta' trażżin relatati mal-COVID-19, l-iskopertura għandha tiġi rrapportata f'din il-kolonna u fil-mudell F 91.03. L-iskopertura ma għandhiex tiġi rrapportata fil-mudelli F 90.02 u F 91.02. |
| 0070-0120 | **<u>Maturità residwa ta' moratorji</u>**<br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-ammont riportat gross ta' self u avvanzi għandu jiġi maqsum skont il-maturità residwa ta' moratorji konformi mal-EBA.<br>Il-maturità residwa tal-moratorji hija l-perjodu li jgħaddi bejn id-data ta' referenza u t-tmiem tal-applikazzjoni tal-moratorji. |

| Ringieli | Struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **<u>Moratorji fuq self u avvanzi konformi mal-EBA</u>**<br>Il-Paragrafu 10 u l-punti (a) u (b) tal-Paragrafu 19 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar moratorji; il-Paragrafu 32 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw self u avvanzi li għalihom intalbu moratorji konformi mal-EBA li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Paragrafu 10 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-moratorji fejn mitlub. Dan l-ammont jinkludi wkoll is-self u l-avvanzi li għalihom il-moratorji konformi mal-EBA kienu implimentati u rrapportati fil-kolonni 0020 u 0040-0120, inklużi dawk li skadew (il-maturità residwa tal-miżura relatata hija ugwali għal żero).<br>L-iskoperturi li huma soġġetti għall-moratorji konformi mal-EBA u miżuri oħra ta' trażżin relatati mal-COVID-19 għandhom jiġu rrapportati darba biss bħala moratorji konformi mal-EBA f'dan il-mudell u mhux fil-mudell F 90.02 ukoll. |
| 0020 | **<u>Li minnhom: Unitajiet domestiċi</u>**<br>Il-Punt (f) tal-Paragrafu 42 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0030 | **<u>Li minnhom: Kollateralizzati bi proprjetà immobbli residenzjali</u>**<br>Il-Punt (a) tal-Paragrafi 86 u 87 tal-Parti 2 tal-ITS. |
| 0040 | **<u>Li minnhom: Korporazzjonijiet mhux finanzjarji</u>**<br>Il-Punt (e) tal-Paragrafu 42 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0050 | **<u>Li minnhom: Impriżi żgħar u ta' daqs medju</u>**<br>Il-Punt (i) tal-Paragrafu 5 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS. |

| | |
|---|---|
| 0060 | **Li minnhom: Kollateralizzati bi proprjetà immobbli kummerċjali**<br>Il-Punt (a) tal-Paragrafi 86 u 87 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |

2. Ħarsa ġenerali lejn miżuri oħra ta' trażżin relatati mal-COVID-19

2.1. Kummenti ġenerali

9. Dan il-mudell ikopri self u avvanzi oħra b'miżuri ta' trażżin relatati mal-COVID-19 li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti deskritti fil-Paragrafu 10 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-moratorji. It-tipi kollha ta' miżuri ta' trażżin (modifiki kuntrattwali u/jew rifinanzjament) għandhom jitqiesu sakemm ikunu relatati mal-kriżi tal-COVID-19, ħlief jekk ikunu "self ta' oriġini ġdida soġġett għal skemi ta' garanzija pubblika fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19". Dawn tal-aħħar għandhom jiġu rrapportati biss fil-mudell F 91.05 u fil-kolonna korrispondenti tal-mudell F 92.01.

10. Il-mudell għandu jipprovdi informazzjoni dwar l-għadd ta' obbliganti u l-ammont riportat gross ta' self u avvanzi soġġetti għal miżuri oħra ta' trażżin relatati mal-COVID-19. B'żieda ma' dan, il-mudell fih tqassim skont il-maturità residwa ta' miżuri oħra ta' trażżin relatati mal-COVID-19 fil-forma ta' perjodu ta' grazzja/moratorju fuq pagament

2.2. F 90.02: ĦARSA ĠENERALI LEJN MIŻURI OĦRA TA' TRAŻŻIN RELATATI MAL-COVID-19

2.2.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

| Kolonni | Struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **<u>Għadd ta' obbliganti</u>**<br>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-għadd ta' talbiet ta' klijenti individwali riċevuti għall-miżuri l-oħra ta' trażżin relatati mal-COVID-19 irrispettivament minn jekk dawn il-miżuri kinux verament mogħtija jew le.<br>L-istituzzjonijiet għandhom jgħoddu talbiet multipli minn klijent wieħed bħala talba waħda individwali. |
| 0020 | **<u>Li minnhom: mogħtija</u>**<br>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-għadd ta' obbliganti li t-talbiet tagħhom għal miżuri oħra ta' trażżin relatati mal-COVID-19 diġà ġew implimentati. |
| 0030 | **<u>Ammont riportat gross</u>**<br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-ammont riportat gross ta' self u avvanzi lill-obbliganti li talbu għal miżuri oħra ta' trażżin relatati mal-COVID-19 irrispettivament minn jekk dawn il-miżuri kinux diġà ġew implimentati jew le. Fil-każ ta' miżuri ta' trażżin relatati mal-COVID-19 fil-forma ta' perjodu ta' |

| | |
|---|---|
| | grazzja/moratorju fuq pagament, dan għandu jinkludi kemm miżuri skaduti kif ukoll dawk attivi.<br><br>L-ammont riportat gross ta' skoperturi li huma soġġetti għall-moratorji konformi mal-EBA u miżuri oħra ta' trażżin relatati mal-COVID-19 għandu jiġi rrapportat darba biss bħala parti minn self soġġett għall-moratorji konformi mal-EBA fil-mudell F 90.01 u mhux f'dan il-mudell ukoll. |
| 0040 | **<u>Li minnhom: mogħtija</u>**<br><br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS.<br><br>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-ammont riportat gross ta' self u avvanzi li għalihom miżuri oħra ta' trażżin relatati mal-COVID-19 diġà ġew implimentati. |
| 0050 | **<u>Li minnhom: skaduti</u>**<br><br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1; il-Paragrafu 358(a) tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS.<br><br>Fil-każ biss ta' miżuri ta' trażżin relatati mal-COVID-19 fil-forma ta' perjodu ta' grazzja/moratorju fuq ħlas, l-ammont riportat gross tas-self u l-avvanzi li għalihom il-perjodu ta' grazzja/moratorju fuq pagament skada fid-data ta' referenza għandu jiġi rrapportat. Il-perjodu ta' grazzja/moratorju fuq pagament huwa definit fil-Paragrafu 3580(a) tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS u mhumiex konformi mar-rekwiżiti tal-Paragrafu 10 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-moratorji. |
| 0055 | **<u>Li minnu: b'miżuri ta' trażżin estiżi relatati mal-COVID-19</u>**<br><br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS.<br><br>L-ammont riportat gross ta' self u avvanzi, li għalih ġew estiżi miżuri addizzjonali ta' trażżin relatati mal-COVID-19, għandu jiġi inkluż f'din il-kolonna. |
| 0060-0110 | **<u>Maturità residwa ta' miżuri ta' trażżin relatati mal-COVID-19 (perjodu ta' grazzja/moratorju fuq ħlas)</u>**<br><br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1; il-Paragrafu 358(a) tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS.<br><br>L-ammont riportat gross ta' self u avvanzi għandu jiġi maqsum skont il-maturità residwa ta' miżuri oħra ta' trażżin relatati mal-COVID-19.<br><br>Għandha tiġi rrapportata biss il-maturità residwa ta' miżuri oħra ta' tolleranza relatati mal-COVID-19 fil-forma ta' miżuri ta' perjodu ta' grazzja/moratorju fuq pagament.<br><br>Il-maturità residwa tal-perjodu ta' grazzja/moratorju fuq pagament hija l-perjodu li jgħaddi bejn id-data ta' referenza u t-tmiem tal-applikazzjoni tal-perjodu ta' grazzja/moratorju fuq pagament. |

| Ringieli | Struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **Self u avvanzi oħra b'miżuri ta' trażżin relatati mal-COVID-19**<br>Il-Paragrafu 32 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw il-miżuri kollha ta' trażżin li kienu mitluba/mogħtija minn istituzzjonijiet minħabba l-kriżi tal-COVID-19 u li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-Paragrafu 10 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-moratorji, ħlief jekk huma "self ta' oriġini ġdida soġġett għal skemi ta' garanzija pubblika fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19". |
| 0020 | **Li minnhom: Unitajiet domestiċi**<br>Il-Punt (f) tal-Paragrafu 42 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0030 | **Li minnhom: Korporazzjonijiet mhux finanzjarji**<br>Il-Punt (e) tal-Paragrafu 42 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS. |

3. Ħarsa ġenerali lejn self u avvanzi ta’ oriġini ġdida soġġetti għal skemi ta’ garanzija pubblika fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19 (F 90.03);

3.1. Kummenti ġenerali

11. Dan il-mudell ikopri self u avvanzi ta’ oriġini ġdida kif imsemmi fil-Paragrafu 15 ta’ dawn il-linji gwida li huma soġġetti għal skemi ta’ garanzija pubblika li l-Istati Membri introduċew b’reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19. Fil-każ ta’ rifinanzjament ta’ dejn preċedenti b’self ġdid jew f’każ ta’ ppakkjar mill-ġdid ta’ diversi djun f’self ġdid, is-self il-ġdid rikonoxxut fir-rapporti finanzjarji għandu jiġi rrapportat f’dan il-mudell sakemm dan ikun kopert minn skemi ta’ garanzija pubblika relatati mal-kriżi tal-COVID-19 li l-Istati Membri introduċew b’reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19.

12. Il-mudell għandu jipprovdi informazzjoni dwar l-għadd ta’ obbliganti u l-ammont riportat gross ta’ dan is-self. B’żieda ma’ dan, il-mudell fih tqassim skont il-maturità residwa tal-garanzija pubblika. Fl-aħħar nett il-mudell jitlob informazzjoni dwar il-ħlasijiet fuq garanziji riċevuti matul il-perjodu mill-garanti pubbliku.

3.2. F 90.03: ĦARSA ĠENERALI TA’ SELF U AVVANZI TA’ ORIĠINI ĠDIDA SOĠĠETTI GĦAL SKEMI TA’ GARANZIJA PUBBLIKA FIL-KUNTEST TAL-KRIŻI TAL-COVID-19

3.2.1 Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

| Kolonni | Struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **Għadd ta’ obbliganti**<br>L-għadd ta’ obbliganti li lilhom ingħataw il-garanziji pubbliċi għandu jiġi rrapportat. |
| 0020 | **Li minnhom: b’garanzija pubblika msejħa**<br>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-għadd ta’ obbliganti li l-garanzija pubblika tagħhom riċevuta b’reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19 għal self ta’ oriġini ġdida diġà ġie imsejjaħ, iżda l-ħlas ma kienx għadu ġie riċevut mill-garanti. |
| 0030 | **Ammont riportat gross**<br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0040 | **Li minnhom: b’garanzija pubblika msejħa**<br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-ammont riportat gross ta’ self li għalih garanzija pubblika kienet riċevuta b’reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19 fejn il-garanzija diġà ġiet imsejħa, iżda l-ħlas ma kienx għadu ġie riċevut mill-garanti. |

| | |
|---|---|
| 0050-0080 | **Li minnu: maturità residwa ta' garanzija pubblika**<br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-ammont riportat gross ta' self u avvanzi ta' oriġini ġdida b'garanzija pubblika riċevuta b'reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19 għandu jinqasam skont il-maturità residwa tal-garanzija pubblika. |
| 0090 | **Ħlas riċevut mingħand il-garanti pubbliku matul il-perjodu**<br>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw il-ħlas riċevut mill-garanzija pubblika b'reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19 għal self ta' oriġini ġdida matul il-perjodu. |

| Ringieli | Struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **Self u avvanzi ta' oriġini ġdida soġġetti għal skemi ta' garanzija pubblika**<br>Il-Paragrafu 32 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw self u avvanzi ta' oriġini ġdida soġġetti għal skemi ta' garanzija pubblika li l-Istati Membri introduċew b'reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19. Din il-kategorija għandha tinkludi kemm self lil mutwatarji ġodda kif ukoll rifinanzjament ta' self lil mutwatarji eżistenti li jikkwalifikaw bħala self ġdid. |
| 0020 | **Li minnhom: Unitajiet domestiċi**<br>Il-Punt (f) tal-Paragrafu 42 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0030 | **Li minnhom: Korporazzjonijiet mhux finanzjarji**<br>Il-Punt (e) tal-Paragrafu 42 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS. |

4. Informazzjoni dwar self u avvanzi soġġetti għal moratorji (leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi) konformi mal-EBA (F 91.01)

4.1. Kummenti ġenerali

13. Il-mudell ikopri self u avvanzi soġġetti għal moratorji (leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi) konformi mal-EBA

14. Il-mudell jipprovdi tqassim tal-ammont riportat gross u l-allokazzjonijiet relatati mat-telf skont l-istatus tal-iskopertura (produttivi u improduttivi). B'żieda ma' dan, l-iskoperturi li ġejjin, kemm dawk produttivi kif ukoll dawk improduttivi, għandhom jiġu identifikati f'kolonni separati: i) skoperturi li għalihom ingħata perjodu ta' grazzja ta' kapital u imgħax u ii) skoperturi b'miżuri ta' trażżin.

15. Informazzjoni oħra għandha tiġi pprovduta fil-kolonni li ġejjin: (i) għal skoperturi produttivi, "strumenti b'żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu mill-għarfien inizjali iżda mhux indeboliti fil-kreditu (Stadju 2)"; u (ii) għal skoperturi improduttivi, dawk li "probabbli ma jħallsux li mhux skaduti jew skaduti inqas minn jew ugwali għal 90 jum"; iii) garanzija pubblika riċevuta fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19; iv) l-influssi lejn skoperturi improduttivi u v) it-telf ekonomiku li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri.

4.2. F 91.01: INFORMAZZJONI DWAR SELF U AVVANZI SOĠĠETTI GĦAL MORATORJI (LEĠIŻLATTIVI U MHUX LEĠIŻLATTIVI) KONFORMI MAL-EBA

4.2.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

| Kolonni | Struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **<u>Ammont riportat gross</u>**<br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-ammonti rrapportati f'din il-kolonna jikkorrispondu għas-somma tal-ammonti rrapportati fil-kolonni 0020 u 0060. |
| 0020 | **<u>Produttivi</u>**<br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 u l-Paragrafi 213 sa 239 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0030 | **<u>Li minnhom: perjodu ta' grazzja għall-kapital u l-imgħax</u>**<br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS. |

| | |
|---|---|
| | L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-ammont riportat gross ta' self u avvanzi li għalihom il-moratorji konformi mal-EBA jirriżultaw f'perjodu ta' grazzja kemm għall-kapital kif ukoll għall-imgħax fid-data ta' referenza. Dan jirreferi għall-obbliganti li m'għandhom l-ebda obbligi ta' pagament matul il-perjodu moratorju. |
| 0040 | **Li minnhom: skoperturi b'miżuri ta' trażżin**<br>L-Artikolu 47b tas-CRR; il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 u l-Paragrafi 240 sa 268 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS.<br>Fil-każ ta' skoperturi soġġetti għal moratorji konformi mal-EBA li jkunu wkoll soġġetti għal miżuri oħra ta' trażżin relatati mal-COVID-19, dawn għandhom jiġu rrapportati f'din il-kolonna. |
| 0050 | **Li minnhom: strumenti b'żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu mir-rikonoxximent inizjali imma mhux bi kreditu indebolit (Stadju 2)**<br>IFRS 9.5.5.3; IFRS 7.35M(b)(i); il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-istituzzjonijiet IFRS biss għandhom jirrapportaw f'din il-kolonna. |
| 0060 | **Improduttivi**<br>L-Artikolu 47a (3) tas-CRR; il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 u l-Paragrafi 213 sa 239 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0070 | **Li minnhom: perjodu ta' grazzja għall-kapital u l-imgħax**<br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-ammont riportat gross ta' self u avvanzi li għalihom il-moratorji konformi mal-EBA jirriżultaw f'perjodu ta' grazzja kemm għall-kapital kif ukoll għall-imgħax fid-data ta' referenza. Dan jirreferi għall-obbliganti li m'għandhom l-ebda obbligi ta' pagament matul il-perjodu moratorju. |
| 0080 | **Li minnhom: skoperturi b'miżuri ta' trażżin**<br>L-Artikolu 47b tas-CRR; il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 u l-Paragrafi 240 sa 268 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS.<br>Fil-każ ta' skoperturi soġġetti għal moratorji konformi mal-EBA li jkunu wkoll soġġetti għal miżuri oħra ta' trażżin relatati mal-COVID-19, dawn għandhom jiġu rrapportati f'din il-kolonna. |
| 0090 | **Li minnhom: probabbli ma jħallsux li mhux skaduti jew skaduti <= 90 jum**<br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 u l-Paragrafu 236 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0100 | **Indeboliment akkumulat, bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba r-riskju ta' kreditu** |

| | |
|---|---|
| | Il-Paragrafi 69 sa 71 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS.<br><br>L-ammonti rrapportati f'din il-kolonna jikkorrispondu għas-somma tal-ammonti rrapportati fil-kolonni 0110 u 0150. |
| 0110 | **<u>Produttivi</u>**<br><br>Il-Paragrafi 69 sa 71 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0120 | **<u>Li minnhom: perjodu ta' grazzja għall-kapital u l-imgħax</u>**<br><br>Il-Paragrafi 69 sa 71 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS.<br><br>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-indeboliment akkumulat u l-bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba r-riskju ta' kreditu ta' self u avvanzi li għalihom il-moratorji konformi mal-EBA jirriżultaw f'perjodu ta' grazzja kemm għall-kapital kif ukoll għall-imgħax fid-data ta' referenza. Dan jirreferi għall-obbliganti li m'għandhom l-ebda obbligi ta' pagament matul il-perjodu moratorju. |
| 0130 | **<u>Li minnhom: skoperturi b'miżuri ta' trażżin</u>**<br><br>Il-Paragrafi 69 sa 71 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0140 | **<u>Li minnhom: strumenti b'żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu mir-rikonoxximent inizjali imma mhux bi kreditu indebolit (Stadju 2)</u>**<br><br>IFRS 9.5.5.3; IFRS 7.35M(b)(i); il-Paragrafi 69 sa 71 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS.<br><br>L-istituzzjonijiet IFRS biss għandhom jirrapportaw f'din il-kolonna. |
| 0150 | **<u>Improduttivi</u>**<br><br>Il-Paragrafi 69 sa 71 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0160 | **<u>Li minnhom: perjodu ta' grazzja għall-kapital u l-imgħax</u>**<br><br>Il-Paragrafi 69 sa 71 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS.<br><br>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-indeboliment akkumulat u l-bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba r-riskju ta' kreditu ta' self u avvanzi li għalihom il-moratorji konformi mal-EBA jirriżultaw f'perjodu ta' grazzja kemm għall-kapital kif ukoll għall-imgħax fid-data ta' referenza. Dan jirreferi għall-obbliganti li m'għandhom l-ebda obbligi ta' pagament matul il-perjodu moratorju. |
| 0170 | **<u>Li minnhom: skoperturi b'miżuri ta' trażżin</u>**<br><br>Il-Paragrafi 69 sa 71 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0180 | **<u>Li minnhom: probabbli ma jħallsux li mhux skaduti jew skaduti <= 90 jum</u>**<br><br>Il-Paragrafi 69 sa 71 u l-Paragrafu 236 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0190 | **<u>Garanzija pubblika riċevuta fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19</u>** |

| | |
|---|---|
| | Il-Paragrafu 15 ta’ dawn il-Linji Gwida<br><br>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-ammont massimu ta’ garanzija pubblika li l-Istati Membri introduċew b’reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19 għal self u avvanzi soġġetti għall-moratorji eliġibbli skont l-EBA. L-ammont tal-garanzija m’għandux jaqbeż l-ammont riportat gross tas-self relatat. L-eżistenza ta’ forom oħra ta’ kollateral jew garanzija ma għandhiex titqies fil-kalkolu tal-ammont massimu ta’ garanzija pubblika riċevut fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19 li tista’ ssir pretensjoni dwarha. |
| 0200 | **<u>Influssi lejn skoperturi improduttivi</u>**<br><br>L-influssi għandhom jiġu rrapportati fuq bażi trimestrali mill-bidu tal-perjodu ta’ rapportar sad-data ta’ referenza.<br><br>Għal skopertura li tiġi riklassifikata għal bosta drabi minn improduttiva għal produttiva matul il-perjodu ta’ rapportar, l-ammont ta’ influssi għandu jkun identifikat abbażi ta’ tqabbil bejn l-istatus tal-iskopertura fil-bidu tal-perjodu ta’ rapportar u l-istatus tagħha fid-data ta’ referenza.<br><br>Ir-riklassifikazzjoni ta’ skopertura improduttiva minn portafoll tal-kontabilità għall-ieħor ma għandhiex tiġi rapportata bħala influss. |
| 0210 | **<u>Telf ekonomiku</u>**<br><br>Il-Paragrafu 19(d) tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-moratorji; IFRS 9.5.4.3.<br><br>It-telf ekonomiku għandu jiġi kkalkulat bħala d-differenza bejn il-valur preżenti nett tal-flussi tal-flus kontrattwali rinegozjati jew modifikati u l-valur preżenti nett tal-flussi tal-flus qabel l-għoti tal-miżura.<br><br>Għandu jiġi rrapportat kemm mill-indikaturi nazzjonali tal-GAAP kif ukoll minn dawk tal-IFRS. Għall-indikaturi tal-IFRS, it-telf ekonomiku għandu jiġi kkalkulat f’konformità mal-paragrafu 5.4.3 tal-IFRS 9.<br><br>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw f’din il-kolonna biss meta jkunu kkalkulaw telf ekonomiku. Qligħ ekonomiku kkalkulat ma għandux jiġi rrapportat. |

| Ringieli | Struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **<u>Self u avvanzi soġġetti għal moratorji konformi mal-EBA</u>**<br><br>Il-Punt (b) tal-Paragrafu 19 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar moratorji; il-Paragrafu 32 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS.<br><br>Is-self u l-avvanzi li għalihom il-moratorji (leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi) konformi mal-EBA diġà ġew implimentati u ma skadewx għandhom jiġu rrapportati. |

| | |
|---|---|
| | L-iskoperturi li huma soġġetti għall-moratorji konformi mal-EBA u miżuri oħra ta' trażżin relatati mal-COVID-19 għandhom jiġu rrapportati darba biss f'dan il-mudell u mhux fil-mudell F 91.02 ukoll.<br><br>Self u avvanzi mhux soġġetti għall-moratorji konformi mal-EBA għandhom jiġu rrapportati mhux f'dan il-mudell iżda fil-mudell F 91.02. Is-self u l-avvanzi f'dawn iż-żewġ mudelli huma esklussivi b'mod reċiproku. |
| 0020 | **<u>Li minnhom: Unitajiet domestiċi</u>**<br><br>Il-Punt (f) tal-Paragrafu 42 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0030 | **<u>Li minnhom: Kollateralizzati bi proprjetà immobbli residenzjali</u>**<br><br>Il-Punt (a) tal-Paragrafi 86 u 87 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0040 | **<u>Li minnhom: Korporazzjonijiet mhux finanzjarji</u>**<br><br>Il-Punt (e) tal-Paragrafu 42 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0050 | **<u>Li minnhom: Impriżi żgħar u ta' daqs medju</u>**<br><br>Il-Punt (i) tal-Paragrafu 5 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0060 | **<u>Li minnhom: Kollateralizzati bi proprjetà immobbli kummerċjali</u>**<br><br>Il-Punt (a) tal-Paragrafi 86 u 87 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |

## 5. Informazzjoni dwar self u avvanzi oħra soġġetti għal miżuri ta’ trażżin relatati mal-COVID-19 (F 91.02)

### 5.1. Kummenti ġenerali

16. Dan il-mudell ikopri self u avvanzi oħra soġġetti għal miżuri ta’ trażżin relatati mal-COVID-19 li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti deskritti fil-Paragrafu 10 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-moratorji. It-tipi kollha ta’ miżuri ta’ trażżin (modifiki kuntrattwali u/jew rifinanzjament) għandhom jitqiesu sakemm ikunu relatati mal-kriżi tal-COVID-19, ħlief jekk ikunu “self ta’ oriġini ġdida soġġett għal skemi ta’ garanzija pubblika fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19”. Dawn tal-aħħar għandhom jiġu rrapportati biss fil-mudell F 91.05 u fil-kolonna korrispondenti tal-mudell F 92.01.

17. Il-mudell jipprovdi tqassim tal-ammont riportat gross u l-allokazzjonijiet relatati mat-telf skont l-istatus tal-iskopertura (produttivi u improduttivi). B’żieda ma’ dan, l-iskoperturi (produttivi u improduttivi) li għalihom ingħata perjodu ta’ grazzja għall-kapital u l-imgħax għandhom jiġu identifikati f’kolonni separati.

18. Informazzjoni oħra għandha tiġi pprovduta fil-kolonni li ġejjin: i) għal skoperturi produttivi, “strumenti b’żieda sinifikanti fir-riskju ta’ kreditu mill-għarfien inizjali iżda mhux indeboliti fil-kreditu (Stadju 2)”; u ii) għal skoperturi improduttivi, dawk li “probabbli ma jħallsux li mhux skaduti jew skaduti inqas minn jew ugwali għal 90 jum”; iii) garanzija pubblika riċevuta fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19; iv) l-influssi lejn skoperturi improduttivi.

### 5.2. F 91.02: INFORMAZZJONI DWAR SELF U AVVANZI OĦRA SOĠĠETTI GĦAL MIŻURI TA’ TRAŻŻIN RELATATI MAL-COVID-19

#### 5.2.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

| Kolonni | Struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **<u>Ammont riportat gross</u>**<br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-ammonti rrapportati f’din il-kolonna jikkorrispondu għas-somma tal-ammonti rrapportati fil-kolonni 0020 u 0050.<br>Kull self ieħor soġġett għal miżuri ta’ trażżin relatati mal-COVID-19 għandu jiġi rrapportat darba biss, irrispettivament mll-għadd ta’ miżuri applikati. |
| 0020 | **<u>Produttivi</u>**<br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 u l-Paragrafu 213 sa 239 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |

| | |
|---|---|
| 0030 | **Li minnhom: perjodu ta' grazzja għall-kapital u l-imgħax**<br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-ammont riportat gross ta' self u avvanzi li għalihom miżuri oħra ta' trażżin relatati mal-COVID-19 jirriżultaw f'perjodu ta' grazzja kemm għall-kapital kif ukoll għall-imgħax fid-data ta' referenza. Dan jirreferi għall-obbliganti li m'għandhom l-ebda obbligi ta' pagament matul il-perjodu ta' trażżin. |
| 0040 | **Li minnhom: strumenti b'żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu mir-rikonoxximent inizjali imma mhux bi kreditu indebolit (Stadju 2)**<br>IFRS 9.5.5.3; IFRS 7.35M(b)(i); il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-istituzzjonijiet IFRS biss għandhom jirrapportaw f'din il-kolonna. |
| 0050 | **Improduttivi**<br>L-Artikolu 47a (3) tas-CRR; il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 u l-Paragrafi 213 sa 239 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0060 | **Li minnhom: perjodu ta' grazzja għall-kapital u l-imgħax**<br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-ammont riportat gross ta' self u avvanzi li għalihom il-miżuri ta' trażżin relatati mal-COVID-19 jirriżultaw f'perjodu ta' grazzja kemm għall-kapital kif ukoll għall-imgħax fid-data ta' referenza. Dan jirreferi għall-obbliganti li m'għandhom l-ebda obbligi ta' pagament matul il-perjodu ta' trażżin. |
| 0070 | **Li minnhom: probabbli ma jħallsux li mhux skaduti jew skaduti <= 90 jum**<br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 u l-Paragrafu 236 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0080 | **Indeboliment akkumulat, bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba r-riskju ta' kreditu**<br>Il-Paragrafi 69 sa 71 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-ammonti rrapportati f'din il-kolonna jikkorrispondu għas-somma tal-ammonti rrapportati fil-kolonni 0090 u 0120. |
| 0090 | **Produttivi**<br>Il-Paragrafi 69 sa 71 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0100 | **Li minnhom: perjodu ta' grazzja għall-kapital u l-imgħax**<br>Il-Paragrafi 69 sa 71 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |

| | |
|---|---|
| | L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-indeboliment akkumulat u l-bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba r-riskju ta' kreditu ta' self u avvanzi li għalihom il-miżuri ta' trażżin relatati mal-COVID-19 jirriżultaw f'perjodu ta' grazzja kemm għall-kapital kif ukoll għall-imgħax fid-data ta' referenza. Dan jirreferi għall-obbliganti li m'għandhom l-ebda obbligi ta' pagament matul il-perjodu ta' trażżin. |
| 0110 | **<u>Li minnhom: strumenti b'żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu mir-rikonoxximent inizjali imma mhux bi kreditu indebolit (Stadju 2)</u>**<br>IFRS 9.5.5.3; IFRS 7.35M(b)(i); il-Paragrafi 69 sa 71 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-istituzzjonijiet IFRS biss għandhom jirrapportaw f'din il-kolonna. |
| 0120 | **<u>Improduttivi</u>**<br>Il-Paragrafi 69 sa 71 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0130 | **<u>Li minnhom: perjodu ta' grazzja għall-kapital u l-imgħax</u>**<br>Il-Paragrafi 69 sa 71 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-indeboliment akkumulat u l-bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba r-riskju ta' kreditu ta' self u avvanzi li għalihom il-miżuri ta' trażżin relatati mal-COVID-19 jirriżultaw f'perjodu ta' grazzja kemm għall-kapital kif ukoll għall-imgħax fid-data ta' referenza. Dan jirreferi għall-obbliganti li m'għandhom l-ebda obbligi ta' pagament matul il-perjodu ta' trażżin. |
| 0140 | **<u>Li minnhom: probabbli ma jħallsux li mhux skaduti jew skaduti <= 90 jum</u>**<br>Il-Paragrafi 69 sa 71 u l-Paragrafu 236 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0150 | **<u>Garanzija pubblika riċevuta fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19</u>**<br>Il-Paragrafu 15 tal-Linji Gwida<br>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-ammont massimu ta' garanzija pubblika li l-Istati Membri introduċew b'reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19 għal self u avvanzi oħra soġġetti għal miżuri ta' trażżin relatati mal-COVID-19 (eskluż "self ta' oriġini ġdida soġġett għal skemi ta' garanzija pubblika fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19"). L-ammont tal-garanzija m'għandux jaqbeż l-ammont riportat gross tas-self relatat. L-eżistenza ta' forom oħra ta' kollateral jew garanzija ma għandhiex titqies fil-kalkolu tal-ammont massimu ta' garanzija pubblika riċevut fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19 li tista' ssir pretensjoni dwarha. |
| 0160 | **<u>Influssi lejn skoperturi improduttivi</u>**<br>L-influssi għandhom jiġu rrapportati fuq bażi trimestrali mill-bidu tal-perjodu ta' rapportar sad-data ta' referenza. |

| | |
|---|---|
| | Għal skopertura li tiġi riklassifikata għal bosta drabi minn improduttiva għal produttiva matul il-perjodu ta' rapportar, l-ammont ta' influssi għandu jkun identifikat abbażi ta' tqabbil bejn l-istatus tal-iskopertura fil-bidu tal-perjodu ta' rapportar u l-istatus tagħha fid-data ta' referenza.<br>Ir-riklassifikazzjoni ta' skopertura improduttiva minn portafoll tal-kontabilità għall-ieħor ma għandhiex tiġi rapportata bħala influss. |

| Ringieli | Struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **Self u avvanzi oħra soġġetti għal miżuri ta' trażżin relatati mal-COVID-19**<br>Il-Paragrafu 32 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw il-miżuri ta' trażżin kollha li ġew implimentati minħabba l-kriżi tal-COVID-19 u li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-Paragrafu 10 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-moratorji.<br>Għal miżuri ta' trażżin fil-forma ta' perjodu ta' grazzja/moratorju fuq pagament, għandhom ikunu rrapportati f'din ir-ringiela self u avvanzi biss b'perjodu ta' grazzja/moratorju fuq pagament li ma skadix.<br>Self u avvanzi soġġetti għall-moratorji konformi mal-EBA u miżuri oħra ta' trażżin relatati mal-COVID-19 għandhom jiġu rrapportati darba biss fil-mudell F 91.01 u mhux fil-mudell F 91.02 ukoll. Is-self u l-avvanzi f'dawn iż-żewġ mudelli huma esklussivi b'mod reċiproku. |
| 0020 | **Li minnhom: Unitajiet domestiċi**<br>Il-Punt (f) tal-Paragrafu 42 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0030 | **Li minnhom: Korporazzjonijiet mhux finanzjarji**<br>Il-Punt (e) tal-Paragrafu 42 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS. |

6. Self u avvanzi b'moratorji skaduti (leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi) konformi mal-EBA (F 91.03)

6.1. Kummenti ġenerali

19. Dan il-mudell ikopri self u avvanzi li għalihom il-moratorji (leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi) konformi mal-EBA skadew fid-data ta' referenza, irrispettivament minn jekk miżuri oħra ta' trażżin relatati mal-COVID-19 għadhomx attivi jew inkella skadewx diġà.

20. Il-mudell jipprovdi tqassim tal-ammont riportat gross u l-allokazzjonijiet relatati mat-telf skont l-istatus tal-iskopertura (produttivi u improduttivi). B'żieda ma' dan, l-iskoperturi b'miżuri ta' trażżin, kemm għal dawk produttivi kif ukoll dawk improduttivi, għandhom jiġu identifikati f'kolonni separati.

21. Informazzjoni oħra għandha tiġi pprovduta fil-kolonni li ġejjin i) għal skoperturi produttivi, "strumenti b'żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu mill-għarfien inizjali iżda mhux indeboliti fil-kreditu (Stadju 2)"; u ii) għal skoperturi improduttivi, dawk li "probabbli ma jħallsux li mhux skaduti jew skaduti inqas minn jew ugwali għal 90 jum"; iii) garanziji pubbliċi riċevuti fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19; iv) l-influssi lejn skoperturi improduttivi u v) it-telf ekonomiku li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri.

6.2. F 91.03: SELF U AVVANZI B'MORATORJI SKADUTI (LEĠIŻLATTIVI U MHUX LEĠIŻLATTIVI) KONFORMI MAL-EBA

6.2.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

| Kolonni | Struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **<u>Ammont riportat gross</u>**<br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-ammonti rrapportati f'din il-kolonna jikkorrispondu għas-somma tal-ammonti rrapportati fil-kolonni 0020 u 0050. |
| 0020 | **<u>Produttivi</u>**<br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 u l-Paragrafu 213 sa 239 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0030 | **<u>Li minnhom: skoperturi b'miżuri ta' trażżin</u>**<br>L-Artikolu 47b tas-CRR; il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 u l-Paragrafi 240 sa 268 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |

| | |
|---|---|
| | Din il-kolonna għandha tinkludi wkoll skoperturi kemm b'moratorji skaduti konformi mal-EBA, kif ukoll b'miżuri oħra ta' trażżin relatati mal-COVID-19 (attivi jew skaduti). |
| 0040 | **<u>Li minnhom: strumenti b'żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu mir-rikonoxximent inizjali imma mhux bi kreditu indebolit (Stadju 2)</u>**<br>IFRS 9.5.5.3, IFRS 7.35M(b)(i); il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 u l-Paragrafi 213 sa 239 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-istituzzjonijiet IFRS biss għandhom jirrapportaw f'din il-kolonna. |
| 0050 | **<u>Improduttivi</u>**<br>L-Artikolu 47a (3) tas-CRR; il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 u l-Paragrafi 213 sa 239 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0060 | **<u>Li minnhom: skoperturi b'miżuri ta' trażżin</u>**<br>L-Artikolu 47b tas-CRR; il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 u l-Paragrafi 240 sa 268 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS.<br>Din il-kolonna għandha tinkludi wkoll skoperturi kemm b'moratorji skaduti konformi mal-EBA, kif ukoll b'miżuri oħra ta' trażżin relatati mal-COVID-19 (attivi jew skaduti). |
| 0070 | **<u>Li minnhom: probabbli ma jħallsux li mhux skaduti jew skaduti <= 90 jum</u>**<br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 u l-Paragrafu 236 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0080 | **<u>Indeboliment akkumulat, bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba r-riskju ta' kreditu</u>**<br>Il-Paragrafi 69 sa 71 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-ammonti rrapportati f'din il-kolonna jikkorrispondu għas-somma tal-ammonti rrapportati fil-kolonni 0090 u 0120. |
| 0090 | **<u>Produttivi</u>**<br>Il-Paragrafi 69 sa 71 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0100 | **<u>Li minnhom: skoperturi b'miżuri ta' trażżin</u>**<br>Il-Paragrafi 69 sa 71 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0110 | **<u>Li minnhom: strumenti b'żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu mir-rikonoxximent inizjali imma mhux bi kreditu indebolit (Stadju 2)</u>**<br>IFRS 9.5.5.3; IFRS 7.35M(b)(i); il-Paragrafi 69 sa 71 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |

| | |
|---|---|
| | L-istituzzjonijiet IFRS biss għandhom jirrapportaw f'din il-kolonna. |
| 0120 | **Improduttivi**<br>Il-Paragrafi 69 sa 71 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0130 | **Li minnhom: skoperturi b'miżuri ta' trażżin**<br>Il-Paragrafi 69 sa 71 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0140 | **Li minnhom: probabbli ma jħallsux li mhux skaduti jew skaduti <= 90 jum**<br>Il-Paragrafi 69 sa 71 u 236 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0150 | **Garanzija pubblika riċevuta fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19**<br>Il-Paragrafu 15 ta' dawn il-Linji Gwida<br>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-ammont massimu ta' garanzija pubblika li l-Istati Membri introduċew b'reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19 għal self u avvanzi b'moratorji konformi mal-EBA li skadew. L-ammont tal-garanzija m'għandux jaqbeż l-ammont riportat gross tas-self relatat. L-eżistenza ta' forom oħra ta' kollateral jew garanzija ma għandhiex titqies fil-kalkolu tal-ammont massimu ta' garanzija pubblika riċevuta fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19 li tista' ssir pretensjoni dwarha. |
| 0160 | **Influssi lejn skoperturi improduttivi**<br>L-influssi għandhom jiġu rrapportati fuq bażi trimestrali mill-bidu tal-perjodu ta' rapportar sad-data ta' referenza.<br>Għal skopertura li tiġi riklassifikata għal bosta drabi minn improduttiva għal produttiva matul il-perjodu ta' rapportar, l-ammont ta' influssi għandu jkun identifikat abbażi ta' tqabbil bejn l-istatus tal-iskopertura fil-bidu tal-perjodu ta' rapportar u l-istatus tagħha fid-data ta' referenza.<br>Ir-riklassifikazzjoni ta' skopertura improduttiva minn portafoll tal-kontabilità għall-ieħor ma għandhiex tiġi rapportata bħala influss. |
| 0170 | **Telf ekonomiku**<br>Il-Paragrafu 19(d) tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-moratorji; IFRS 9.5.4.3.<br>It-telf ekonomiku għandu jiġi kkalkulat bħala d-differenza bejn il-valur preżenti nett tal-flussi tal-flus kuntrattwali rinegozjati jew modifikati u l-valur preżenti nett tal-flussi tal-flus qabel l-għoti tal-miżura.<br>Għandu jiġi rrapportat kemm mill-indikaturi nazzjonali tal-GAAP kif ukoll minn dawk tal-IFRS. Għall-indikaturi tal-IFRS, it-telf ekonomiku għandu jiġi kkalkulat f'konformità mal-paragrafu 5.4.3 tal-IFRS 9. |

| | |
|---|---|
| | L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw biss f'din il-kolonna fil-każijiet fejn ikunu kkalkulaw telf ekonomiku. Qligħ ekonomiku kkalkulat ma għandux jiġi rrapportat. |

| Ringieli | Struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **Self u avvanzi b'moratorji skaduti konformi mal-EBA**<br>Il-Punt (b) tal-Paragrafu 19 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar moratorji; il-Paragrafu 32 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw self u avvanzi li għalihom il-moratorji (leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi) konformi mal-EBA għandhom maturità residwa ugwali għal żero (skaduta). Is-self u l-avvanzi għandhom jiġu rrapportati mill-ewwel jum wara li jiskadi l-moratorju.<br>Fejn moratorji konformi mal-EBA jkunu skadew, l-iskoperturi għandhom jiġu rrapportati wkoll fil-mudell F 90.01 taħt il-kolonna korrispondenti.<br>L-iskoperturi kemm b'moratorji konformi mal-EBA skaduti, kif ukoll b'miżuri ta' trażżin relatati mal-COVID-19 skaduti (fil-forma ta' perjodu ta' grazzja/moratorju fuq pagament) għandhom jiġu rrapportati biss f'dan il-mudell u mhux fil-mudell F 91.04 ukoll. |
| 0020 | **Li minnhom: Unitajiet domestiċi**<br>Il-Punt (f) tal-Paragrafu 42 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0030 | **Li minnhom: Kollateralizzati bi proprjetà immobbli residenzjali**<br>Il-Punt (a) tal-Paragrafi 86 u 87 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0040 | **Li minnhom: Korporazzjonijiet mhux finanzjarji**<br>Il-Punt (e) tal-Paragrafu 42 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0050 | **Li minnhom: Impriżi żgħar u ta' daqs medju**<br>Il-Punt (i) tal-Paragrafu 5 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0060 | **Li minnhom: Kollateralizzati bi proprjetà immobbli kummerċjali**<br>Il-Punt (a) tal-Paragrafi 86 u 87 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |

## 7. Self u avvanzi oħra b'miżuri ta' trażżin relatati mal-COVID-19 skaduti (perjodu ta' grazzja/moratorju fuq pagament) (F 91.04)

### 7.1. Kummenti ġenerali

22. Dan il-mudell ikopri l-miżuri l-oħra ta' trażżin relatati mal-COVID-19 fil-forma ta' perjodu ta' grazzja/moratorju fuq pagament li skadew fid-data ta' referenza u li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti deskritti fil-Paragrafu 10 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-moratorji. L-iskoperturi kemm b'moratorji konformi mal-EBA skaduti, kif ukoll b'miżuri ta' trażżin relatati mal-COVID-19 skaduti (fil-forma ta' perjodu ta' grazzja/moratorju fuq pagament) għandhom jiġu rrapportati darba fil-mudell F 91.03 u mhux f'dan il-mudell ukoll. Jekk il-moratorju konformi mal-EBA ma jkunx skada iżda l-perjodu ta' grazzja/moratorju fuq pagament l-ieħor relatat mal-COVID-19 ikun skada, l-iskoperturi għandhom jiġu rrapportati xorta waħda fil-mudell F 91.01.

23. Il-mudell jipprovdi tqassim tal-ammont riportat gross u l-allokazzjonijiet relatati mat-telf skont l-istatus tal-iskoperturi (produttivi u improduttivi).

24. Għandha tiġi pprovduta informazzjoni oħra fil-kolonni li ġejjin: i) għal skoperturi produttivi, "strumenti b'żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu mill-għarfien inizjali iżda mhux indeboliti fil-kreditu (Stadju 2)"; u ii) għal skoperturi improduttivi, dawk li "probabbli ma jħallsux li mhux skaduti jew skaduti inqas minn jew ugwali għal 90 jum"; iii) il-garanzija pubblika riċevuta fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19; iv) l-influssi lejn skoperturi improduttivi.

### 7.2. F 91.04: SELF U AVVANZI OĦRA B'MIŻURI TA' TRAŻŻIN RELATATI MAL-COVID-19 SKADUTI (PERJODU TA' GRAZZJA/MORATORJU FUQ PAGAMENT)

#### 7.2.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

| Kolonni | Struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **<u>Ammont riportat gross</u>**<br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-ammonti rrapportati f'din il-kolonna jikkorrispondu għas-somma tal-ammonti rrapportati fil-kolonni 0020 u 0040. |
| 0020 | **<u>Produttivi</u>**<br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 u l-Paragrafu 213 sa 239 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |

| | |
|---|---|
| 0030 | **<u>Li minnhom: strumenti b'żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu mir-rikonoxximent inizjali imma mhux bi kreditu indebolit (Stadju 2)</u>**<br>IFRS 9.5.5.3, IFRS 7.35M(b)(i); il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 u l-Paragrafi 213 sa 239 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-istituzzjonijiet IFRS biss għandhom jirrapportaw f'din il-kolonna. |
| 0040 | **<u>Improduttivi</u>**<br>L-Artikolu 47a (3) tas-CRR; il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 u l-Paragrafi 213 sa 239 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0050 | **<u>Li minnhom: probabbli ma jħallsux li mhux skaduti jew skaduti<= 90 jum</u>**<br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 u l-Paragrafu 236 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0060 | **<u>Indeboliment akkumulat, bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba r-riskju ta' kreditu</u>**<br>Il-Paragrafi 69 sa 71 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-ammonti rrapportati f'din il-kolonna jikkorrispondu għas-somma tal-ammonti rrapportati fil-kolonni 0070 u 0090. |
| 0070 | **<u>Produttivi</u>**<br>Il-Paragrafi 69 sa 71 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0080 | **<u>Li minnhom: strumenti b'żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu mir-rikonoxximent inizjali imma mhux bi kreditu indebolit (Stadju 2)</u>**<br>IFRS 9.5.5.3; IFRS 7.35M(b)(i); il-Paragrafi 69 sa 71 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-istituzzjonijiet IFRS biss għandhom jirrapportaw f'din il-kolonna. |
| 0090 | **<u>Improduttivi</u>**<br>Il-Paragrafi 69 sa 71 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0100 | **<u>Li minnhom: probabbli ma jħallsux li mhux skaduti jew skaduti<= 90 jum</u>**<br>Il-Paragrafi 69 sa 71 u 236 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0110 | **<u>Garanzija pubblika riċevuta fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19</u>**<br>Il-Paragrafu 15 ta' dawn il-Linji Gwida<br>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-ammont massimu ta' garanzija pubblika li l-Istati Membri introduċew b'reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19 għal self u avvanzi oħra b'miżuri ta' trażżin relatati mal-COVID-19 skaduti. L-ammont tal-garanzija m'għandux jaqbeż l-ammont riportat gross tas-self relatat. L- |

| | |
|---|---|
| | eżistenza ta' forom oħra ta' kollateral jew garanzija ma għandhiex titqies fil-kalkolu tal-ammont massimu ta' garanzija pubblika riċevuta fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19 li tista' ssir pretensjoni dwarha. |
| 0120 | **<u>Influssi minn skoperturi improduttivi</u>**<br>L-influssi għandhom jiġu rrapportati fuq bażi trimestrali mill-bidu tal-perjodu ta' rapportar sad-data ta' referenza.<br>Għal skopertura li tiġi riklassifikata għal bosta drabi minn improduttiva għal produttiva matul il-perjodu ta' rapportar, l-ammont ta' influssi għandu jkun identifikat abbażi ta' tqabbil bejn l-istatus tal-iskopertura fil-bidu tal-perjodu ta' rapportar u l-istatus tagħha fid-data ta' referenza.<br>Ir-riklassifikazzjoni ta' skopertura improduttiva minn portafoll tal-kontabilità għall-ieħor ma għandhiex tiġi rapportata bħala influss. |

| Ringieli | Struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **<u>Self u avvanzi oħra b'miżuri ta' trażżin relatati mal-COVID-19 skaduti (perjodu ta' grazzja/moratorju fuq pagament)</u>**<br>Il-Paragrafu 32 tal-Parti 1 u l-Paragrafu 358(a) tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw self u avvanzi li għalihom il-miżuri l-oħra ta' trażżin relatati mal-COVID-19 fil-forma ta' perjodu ta' grazzja/moratorju fuq pagament ikollhom maturità residwa ugwali għal żero (skaduta). Is-self u l-avvanzi għandhom jiġu rrapportati mill-ewwel jum wara li tiskadi l-miżura ta' trażżin.<br>Fejn miżuri ta' trażżin relatati mal-COVID-19 ikunu skadew, l-iskoperturi għandhom jiġu rrapportati wkoll fil-mudell F 90.02 taħt il-kategorija korrispondenti. |
| 0020 | **<u>Li minnhom: Unitajiet domestiċi</u>**<br>Il-Punt (f) tal-Paragrafu 42 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0030 | **<u>Li minnhom: Korporazzjonijiet mhux finanzjarji</u>**<br>Il-Punt (e) tal-Paragrafu 42 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS. |

8. Informazzjoni dwar self u avvanzi ta' oriġini ġdida soġġetti għal skemi ta' garanzija pubblika fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19 (F 91.05)

8.1. Kummenti ġenerali

25. Dan il-mudell ikopri self u avvanzi ta' oriġini ġdida kif imsemmi fil-Paragrafu 15 ta' dawn il-linji gwida li huma soġġetti għal skemi ta' garanzija pubblika li l-Istati Membri introduċew b'reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19. Fil-każ ta' rifinanzjament ta' dejn preċedenti b'self ġdid jew ta' ppakkjar mill-ġdid ta' diversi djun f'self ġdid, is-self il-ġdid rikonoxxut fir-rapporti finanzjarji għandu jiġi rrapportat f'dan il-mudell sakemm dan ikun kopert minn skema ta' garanzija pubblika relatata mal-kriżi tal-COVID-19.

26. Il-mudell jipprovdi tqassim tal-ammont riportat gross u l-allokazzjonijiet relatati mat-telf skont l-istatus tal-iskopertura (produttivi u improduttivi). B'żieda ma' dan, l-iskoperturi, produttivi u improduttivi, b'miżuri ta' trażżin għandhom jiġu identifikati f'kolonni separati. Fejn self garantit ġdid jingħata biex jiffinanjza mill-ġdid kuntratt ta' dejn preċedenti, il-klassifikazzjoni tal-iskoperturi għandha tiġi vvalutata skont l-Artikolu 47b tas-CRR u l-Paragrafi 240 sa 268 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS.

27. Informazzjoni oħra għandha tiġi pprovduta fil-kolonni li ġejjin: i) għal skoperturi produttivi, "strumenti b'żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu mill-għarfien inizjali iżda mhux indeboliti fil-kreditu (Stadju 2)"; ii) għal skoperturi improduttivi, dawk li "probabbli ma jħallsux li mhux skaduti jew skaduti inqas minn jew ugwali għal 90 jum"; iii) l-ammont ta' garanziji pubbliċi relatati ma' self u avvanzi; iv) l-influssi lejn skoperturi improduttivi u v) influssi marbuta ma' self ġdid.

8.2. F 91.05: INFORMAZZJONI DWAR SELF U AVVANZI TA' ORIĠINI ĠDIDA SOĠĠETTI GĦAL SKEMI TA' GARANZIJA PUBBLIKA FIL-KUNTEST TAL-KRIŻI TAL-COVID-19

8.2.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

| Kolonni | Struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | <u>**Ammont riportat gross**</u><br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-ammonti rrapportati f'din il-kolonna jikkorrispondu għas-somma tal-ammonti rrapportati fil-kolonni 0020 u 0050. |
| 0020 | <u>**Produttivi**</u><br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 u l-Paragrafi 213 sa 239 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |

| | |
|---|---|
| 0030 | **Li minnhom: skoperturi b'miżuri ta' trażżin**<br>L-Artikolu 47b tas-CRR; il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 u l-Paragrafi 240 sa 268 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-ammont riportat gross tal-kuntratt il-ġdid ("dejn ta' rifinanzjament") mogħti bħala parti minn tranżazzjoni ta' rifinanzjament produttiva li tikkwalifika bħala miżura ta' trażżin għandu jiġi rrapportat. |
| 0040 | **Li minnhom: strumenti b'żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu mir-rikonoxximent inizjali imma mhux bi kreditu indebolit (Stadju 2)**<br>IFRS 9.5.5.3; IFRS 7.35M(b)(i); il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-istituzzjonijiet IFRS biss għandhom jirrapportaw f'din il-kolonna. |
| 0050 | **Improduttivi**<br>L-Artikolu 47a (3) tas-CRR; il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 u l-Paragrafi 213 sa 239 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0060 | **Li minnhom: skoperturi b'miżuri ta' trażżin**<br>L-Artikolu 47b tas-CRR; il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 u l-Paragrafi 240 sa 268 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-ammont riportat gross tal-kuntratt il-ġdid ("dejn ta' rifinanzjament") mogħti bħala parti minn tranżazzjoni ta' rifinanzjament improduttiva li tikkwalifika bħala miżura ta' trażżin għandu jiġi rrapportat. |
| 0070 | **Li minnhom: probabbli ma jħallsux li mhux skaduti jew skaduti<= 90 jum**<br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 u l-Paragrafu 236 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0080 | **Indeboliment akkumulat, bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba r-riskju ta' kreditu**<br>Il-Paragrafi 69 sa 71 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-ammonti rrapportati f'din il-kolonna jikkorrispondu għas-somma tal-ammonti rrapportati fil-kolonni 0090 u 0120. |
| 0090 | **Produttivi**<br>Il-Paragrafi 69 sa 71 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0100 | **Li minnhom: skoperturi b'miżuri ta' trażżin**<br>Il-Paragrafi 69 sa 71 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |

| | |
|---|---|
| | L-allokazzjonijiet relatati mat-telf tal-kuntratt il-ġdid ("dejn ta' rifinanzjament") mogħtija bħala parti minn tranżazzjoni ta' rifinanzjament produttiva li tikkwalifika bħala miżura ta' trażżin għandhom jiġu rrapportati. |
| 0110 | **Li minnhom: strumenti b'żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu mir-rikonoxximent inizjali imma mhux bi kreditu indebolit (Stadju 2)**<br>IFRS 9.5.5.3; IFRS 7.35M(b)(i); il-Paragrafi 69 sa 71 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-istituzzjonijiet IFRS biss għandhom jirrapportaw f'din il-kolonna. |
| 0120 | **Improduttivi**<br>Il-Paragrafi 69 sa 71 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0130 | **Li minnhom: skoperturi b'miżuri ta' trażżin**<br>Il-Paragrafi 69 sa 71 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-allokazzjonijiet relatati mat-telf tal-kuntratt il-ġdid ("dejn ta' rifinanzjament") mogħtija bħala parti minn tranżazzjoni ta' rifinanzjament improduttiva li tikkwalifika bħala miżura ta' trażżin għandhom jiġu rrapportati. |
| 0140 | **Li minnhom: probabbli ma jħallsux li mhux skaduti jew skaduti<= 90 jum**<br>Il-Paragrafi 69 sa 71 u l-Paragrafu 236 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0150 | **Garanzija pubblika riċevuta fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19**<br>Il-Paragrafu 15 ta' dawn il-Linji Gwida<br>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-ammont massimu ta' garanzija pubblika li l-Istati Membri introduċew b'reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19 għal self u avvanzi ta' oriġini ġdida. L-ammont tal-garanzija m'għandux jaqbeż l-ammont riportat gross tas-self relatat. L-eżistenza ta' forom oħra ta' kollateral jew garanzija ma għandhiex titqies fil-kalkolu tal-ammont massimu ta' garanzija pubblika riċevuta fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19 li tista' ssir pretensjoni dwarha. |
| 0160 | **Influssi lejn skoperturi improduttivi**<br>L-influssi għandhom jiġu rrapportati fuq bażi trimestrali mill-bidu tal-perjodu ta' rapportar sad-data ta' referenza.<br>Għal skopertura li tiġi riklassifikata għal bosta drabi minn improduttiva għal produttiva matul il-perjodu ta' rapportar, l-ammont ta' influssi għandu jkun identifikat abbażi ta' tqabbil bejn l-istatus tal-iskopertura fil-bidu tal-perjodu ta' rapportar u l-istatus tagħha fid-data ta' referenza.<br>Ir-riklassifikazzjoni ta' skopertura improduttiva minn portafoll tal-kontabilità għall-ieħor ma għandhiex tiġi rapportata bħala influss. |

| | |
|---|---|
| 0170 | **<u>Influssi relatati ma' self ġdid</u>**<br>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-ammont riportat gross ta' self u avvanzi ta' oriġini ġdida mill-aħħar data ta' referenza tar-rapportar fid-diversi kategoriji ta' self (skont ir-ringieli). |

| Ringieli | Struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **<u>Self u avvanzi ta' oriġini ġdida soġġetti għal skemi ta' garanzija pubblika</u>**<br>Il-Paragrafu 15 ta' dawn il-Linji Gwida; il-Paragrafu 32 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0020 | **<u>Li minnhom: Unitajiet domestiċi</u>**<br>Il-Punt (f) tal-Paragrafu 42 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0030 | **<u>Li minnhom: Kollateralizzati bi proprjetà immobbli residenzjali</u>**<br>Il-Punt (a) tal-Paragrafi 86 u 87 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0040 | **<u>Li minnhom: Korporazzjonijiet mhux finanzjarji</u>**<br>Il-Punt (e) tal-Paragrafu 42 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0050 | **<u>Li minnhom: Impriżi żgħar u ta' daqs medju</u>**<br>Il-Punt (i) tal-Paragrafu 5 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0060 | **<u>Li minnhom: Kollateralizzati bi proprjetà immobbli kummerċjali</u>**<br>Il-Punt (a) tal-Paragrafi 86 u 87 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |

9. Miżuri applikati b'reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19: tqassim skont il-kodiċi tan-NACE (F 92.01);

9.1. Kummenti ġenerali

28. Dan il-mudell ikopri self u avvanzi lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji soġġetti għall-moratorji (leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi) konformi mal-EBA, miżuri oħra ta' trażżin relatati mal-COVID-19 u self u avvanzi ta' oriġini ġdida kif imsemmija fil-paragrafu 15 ta' dawn il-linji gwida li huma soġġetti għal skemi ta' garanzija pubblika introdotti b'reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19.

29. Il-mudell jinkludi informazzjoni maqsuma skont is-settur tal-attivitajiet ekonomiċi bl-użu tal-kodiċi tan-NACE fuq il-bażi tal-attività prinċipali tal-kontroparti. B'żieda ma' dan, għandha tingħata l-informazzjoni dwar l-ammont ta' garanzija pubblika mogħtija skont il-kodiċi NACE.

30. Il-klassifikazzjoni tal-iskoperturi skont il-kodiċi tan-NACE għandha ssegwi l-istruzzjonijiet ipprovduti fil-paragrafi 91 u 92 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS.

9.2. F 92.01: MIŻURI APPLIKATI B'REAZZJONI GĦALL-KRIŻI TAL-COVID-19: TQASSIM SKONT IL-KODIĊI NACE

9.2.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

| Kolonni | Struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **Ammont riportat gross ta' self u avvanzi soġġetti għall-moratorji konformi mal-EBA**<br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-ammont riportat gross ta' self u avvanzi għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji li huma soġġetti għal moratorji konformi mal-EBA, għajr dawk ikklassifikati bħala "miżmuma għan-negozju", "negozjar" jew "miżmuma għall-bejgħ" f'konformità mal-qafas tal-kontabilità applikabbli, għandu jiġi rrapportat.<br>Self u avvanzi biss lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji li għalihom ġew implimentati moratorji konformi mal-EBA u li mhux skaduti għandhom jiġu rrapportati. |
| 0020 | **Ammont riportat gross ta' self u avvanzi oħra soġġetti għal miżuri ta' trażżin relatati mal-COVID-19**<br>Il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS.<br>L-ammont riportat gross ta' self u avvanzi oħra għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji li huma soġġetti għal miżuri ta' trażżin relatati mal-COVID-19, għajr dawk ikklassifikati bħala "miżmuma għan-negozju", "negozjar" jew "miżmuma |

| | |
|---|---|
| | għall-bejgħ" f'konformità mal-qafas tal-kontabilità applikabbli, għandu jiġi rrapportat.<br><br>Self u avvanzi biss lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji li għalihom ġew implimentati miżuri ta' trażżin relatati mal-COVID-19 u li mhux skaduti u li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-Paragrafu 10 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-moratorji għandhom jiġu rrapportati. |
| 0030 | **<u>Ammont riportat gross ta' self u avvanzi ta' oriġini ġdida soġġetti għal skemi ta' garanzija pubblika fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19</u>**<br><br>Il-Paragrafu 15 ta' dawn il-Linji Gwida; il-Paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tal-ITS.<br><br>L-ammont riportat gross ta' self u avvanzi ta' oriġini ġdida għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji li huma soġġetti għal skemi ta 'garanzija pubblika, għajr dawk ikklassifikati bħala "miżmuma għan-negozju", "negozjar" jew "miżmuma għall-bejgħ" f'konformità mal-qafas tal-kontabilità applikabbli, għandu jiġi rrapportat. |
| 0040 | **<u>Garanzija pubblika riċevuta fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19</u>**<br><br>Il-Paragrafu 15 ta' dawn il-Linji Gwida<br><br>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-ammont massimu ta' garanzija pubblika riċevuta fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19 għas-self u l-avvanzi kollha, eskluż is-self ikklassifikat bħala "miżmum għan-negozju", "negozjar" jew "miżmum għall-bejgħ" f'konformità mal-qafas tal-kontabilità applikabbli. L-ammont tal-garanzija m'għandux jaqbeż l-ammont riportat gross tas-self relatat. L-eżistenza ta' forom oħra ta' kollateral jew garanzija ma għandhiex titqies fil-kalkolu tal-ammont massimu ta' garanzija pubblika riċevuta fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19 li tista' ssir pretensjoni dwarha. |

| Ringieli | Struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010-0180 | **<u>Self u avvanzi maqsuma skont il-kodiċi tan-NACE</u>**<br><br>Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; il-Paragrafu 32 tal-Parti 1 u l-Paragrafi 91 u 92 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS. |
| 0190 | **<u>Total</u>**<br><br>Ir-ringiela 0190 hija s-somma tar-ringieli 0010 sa 0180. |

10. Introjtu mill-imgħax u introjtu mill-imposti u mill-kummissjonijiet minn self u avvanzi soġġetti għal miżuri relatati mal-COVID-19 (F 93.01)

10.1. Kummenti ġenerali

31. Dan il-mudell ikopri informazzjoni dwar impatt tal-profitt jew tat-telf ta' self u avvanzi soġġetti għall-moratorji (leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi) konformi mal-EBA, miżuri oħra ta' trażżin relatati mal-COVID-19 u self u avvanzi ta' oriġini ġdida kif imsemmi fil-paragrafu 15 ta' dawn il-Linji Gwida li huma soġġetti għal skemi ta' garanzija pubblika introdotti b'reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19.

10.2. F 93.01: INTROJTU MILL-IMGĦAX U INTROJTU MILL-IMPOSTI U MILL-KUMMISSJONIJIET MINN SELF U AVVANZI SOĠĠETTI GĦAL MIŻURI RELATATI MAL-COVID-19

10.2.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

| Kolonni | Struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | <u>**Perjodu kurrenti**</u><br>Għandha tiġi rrapportata l-pożizzjoni attwali mid-data ta' referenza. |
| 0020 | <u>**Pożizzjoni ppjanata fi tmiem is-sena kontabilistika**</u><br>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw il-pożizzjoni ppjanata għat-tmiem tas-sena tal-kontabilità li jmiss waqt li jqisu l-effetti tat-tifqigħa tal-COVID-19. Għad-data ta' referenza tat-tmiem tas-sena tal-kontabilità għandha tiġi rrapportata l-pożizzjoni ppjanata għat-tmiem tas-sena tal-kontabilità li jmiss. |
| 0030 | <u>**Kumment**</u><br>L-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu aktar informazzjoni dwar il-bidliet materjali fl-introjtu mill-imgħax jew l-introjtu mill-imposti u mill-kummissjonijiet meta mqabbel mal-perjodu preċedenti. |

| Ringieli | Struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | <u>**Introjtu mill-imgħax minn self u avvanzi soġġetti għal miżuri relatati mal-COVID-19**</u><br>Il-Paragrafu 31 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS.<br>Introjtu mill-imgħax kif definit fil-Paragrafu 31 tal-Parti 2 tal-Anness V tal-ITS li ġej minn self u avvanzi soġġetti għal moratorji (leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi) konformi mal-EBA, miżuri oħra ta' trażżin relatati mal-COVID-19 u self u |

| | |
|---|---|
| | avvanzi ta’ oriġini ġdida skont skemi ta’ garanzija pubblika fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19. |
| 0020 | **Introjtu mill-imposti u mill-kummissjonijiet minn self u avvanzi soġġetti għal miżuri relatati mal-COVID-19**<br><br>IFRS 7.20 (c); Artikolu 27.Tqassim Vertikali (4) tal-BAD<br><br>Introjtu mill-imposti u mill-kummissjonijiet kif definit fl-Anness V tal-ITS [Artikolu 27.Tqassim Vertikali (4) tal-BAD] li ġej minn self u avvanzi soġġetti għal moratorji (leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi) konformi mal-EBA, miżuri oħra ta’ trażżin relatati mal-COVID-19 u self u avvanzi ta’ oriġini ġdida skont skemi ta’ garanzija pubblika fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19. |

11. Informazzjoni prudenzjali dwar self u avvanzi soġġetti għal skemi ta' garanzija tal-istat pubbliku fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19 (F 93.02)

11.1. Kummenti ġenerali

32. Dan il-mudell ikopri informazzjoni prudenzjali dwar self u avvanzi li huma soġġetti għal skemi ta' garanzija pubblika introdotti b'reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19

11.2. F 93.02: INFORMAZZJONI PRUDENZJALI DWAR SELF U AVVANZI SOĠĠETTI GĦAL SKEMI TA' GARANZIJA TAL-ISTAT PUBBLIKU FIL-KUNTEST TAL-KRIŻI TAL-COVID-19

11.2.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

| Kolonni | Struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **<u>Ammont</u>**<br>Għandha tiġi rrapportata l-pożizzjoni attwali mid-data ta' referenza. |
| 0020 | **<u>Pożizzjoni ppjanata fi tmiem is-sena</u>**<br>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw il-pożizzjoni ppjanata fi tmiem is-sena waqt li jqisu l-effetti tat-tifqigħa tal-COVID-19.<br>Għal rapporti dwar il-pożizzjoni fi tmiem is-sena, il-pożizzjoni ppjanata sa tmiem is-sena ta' wara għandha tkun irrapportata. |
| 0030 | **<u>Kumment</u>**<br>L-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu aktar informazzjoni fejn:<br>- ir-ringieli 0010 u 0020 ma jkunx fihom l-istess ammont, jiġifieri mhux il-garanziji kollha jikkwalifikaw bħala kollateral eliġibbli f'konformità mas-CRR;<br>- ir-ringieli 0030 jew 0060 ma jkunux ugwali għal 0, jiġifieri r-rikonoxximent tal-garanzija tal-istat pubbliku ma jnaqqasx l-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju tas-self jew tal-avvanz in kwistjoni għal 0. |

| Ringieli | Struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **<u>Valur tal-iskopertura ta' self u avvanzi taħt skemi ta' garanzija pubblika mhux skaduti fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19</u>**<br>Il-valur tal-iskopertura, kif definit għall-finijiet tal-kolonna 0200 tal-mudell C 07.00, tal-kolonna 0110 tal-mudell C 08.01 tal-Anness I tal-ITS, ta' self u |

| | |
|---|---|
| | avvanzi fejn skemi ta' garanzija pubblika fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19 ġew applikati u l-garanzija għadha ma skadietx. |
| 0020 | **Li minnhom: Self u avvanzi fejn il-garanziji jikkwalifikaw bħala kollateral eliġibbli għal għanijiet ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu skont is-CRR**<br>Il-valur tal-iskopertura ta' self u avvanzi rrapportat fir-ringiela 0010, fejn il-garanzija pubblika riċevuta tikkwalifika bħala kollateral eliġibbli għal għanijiet ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu f'konformità mal-Kapitolu 4 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR.<br>Jekk l-ammont irrapportat f'din ir-ringiela jkun differenti mill-ammont irrapportat fir-ringiela 0010, ir-raġunijiet għandhom jiġu spjegati fil-kolonna 0030. |
| 0030 | **Ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju ta' dak is-self u avvanzi**<br>L-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju, kif determinat għall-iskopijiet tal-Artikolu 92(3) tas-CRR, tas-self u l-avvanzi rrapportati fir-ringiela 0020.<br>Jekk l-ammont irrapportat f'din ir-ringiela mhux ugwali għal 0, għandu jiġi spjegat fil-kolonna 0030. |
| 0040 | **Li minnhom: Self u avvanzi ristrutturati biex japplikaw dawk il-garanziji**<br>Il-valur tal-iskopertura ta' dawk is-self u avvanzi rrapportati fir-ringiela 0010 li fil-bidu ma kinux koperti mill-garanzija pubblika u għalhekk ġew ristrutturati biex isiru eliġibbli. |
| 0050 | **Ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju ta' dak is-self u avvanzi (qabel ir-ristrutturar)**<br>L-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju, kif determinat għall-iskopijiet tal-Artikolu 92(3) tas-CRR, tas-self u l-avvanzi rrapportati fir-ringiela 0040, qabel ir-ristrutturar. |
| 0060 | **Ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju assoċjat ma' dak is-self u avvanzi**<br>L-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju, kif ikkalkulat għall-iskopijiet tal-Artikolu 92(3) tas-CRR, tas-self u l-avvanzi rrapportati fir-ringiela 0010.<br>Jekk l-ammont irrapportat f'din ir-ringiela ma jkunx ugwali għal 0, għandu jiġi spjegat fil-kolonna 0030. |
| 0070 | **Valur tal-iskopertura ta' self u avvanzi skont skemi ta' garanzija pubblika skaduti fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19**<br>Il-valur tal-iskopertura, kif definit għall-finijiet tal-kolonna 0200 tal-mudell C 07.00 u tal-kolonna 0110 tal-mudell C 08.01 tal-Anness I tal-ITS, ta' self u avvanzi fejn skemi ta' garanzija pubblika fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19 kienu applikati u l-garanzija diġà skadiet. Għandhom jiġu rrapportati dawk is-self u avvanzi biss, fejn ħlasijiet ulterjuri ta' kapital, imgħax u/jew imposti huma pendenti. |

| | |
|---|---|
| 0080 | <u>**Skopertura ponderata għar-riskju ta' dawk is-self u avvanzi**</u><br>L-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju, kif ikkalkulat għall-iskopijiet tal-Artikolu 92(3) tas-CRR, tas-self u l-avvanzi rrapportati fir-ringiela 0070. |